# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU.  894

KAZ NRU.  1134

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mary Anne Gauci

u

J.C.W. Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 17 ta' Novembru, 1997

**Chairman :  Is-Sur Albert J. Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 30 ta' April 1997 b'riferenza MHS/T1/30/97 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28(2) ta' Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 7 seduti.

Ms Mary Anne Gauci, aktar 'il quddiem tissejjah l-"appellanti", kienet assistita mill-avukat Andrew Borg Cardona u J.C.W. Co Ltd., aktar 'il quddiem tissejjah il-"kumpanija" kienet rapprezentata mis-sur Joseph Micallef assistit mill-avukat Ian Farrugia.

Instemghu x-xhieda segwenti :

Imsejha miz-zewg partijiet :
Is-Sur Joseph Micallef
Is-sinjorina Charmaine Mizzi

Imsejjah mill-kumpanija :
Is-Sur Charles Borg Barthet

Ghall-appellanti :
Is-sinjorina Mary Anne Gauci.

**<u>Il-Kaz fil-Qosor</u>**

L-appellanti giet impjegata bhala *receptionist* fil-White House Hotel li hi operata mill-kumpanija fl-1 ta' April 1996. L-impjieg taghha gie mitmum b'effett mill-31 ta' Marzu 1997.

Skond l-appellanti, l-licenzjament sar fuq bazi ta' *redundancy* u dan, allegatament, ghaliex hi kienet giet infurmata mill-kumpanija li l-istess kumpanija kienet ser taghlaq. Fil-fatt il-kumpanija baqghet topera u lanqas tpoggiet *"in liquidation".* L-appellanti wkoll dahlilha suspett li t-temm ta' impjieg taghha sehh wara li kienet infurmat lill-kumpanija ntimata li kienet "in cinta". Ghalhekk instabet skuza biex titkecca. L-intenzjoni ta' l-appellanti kienet li tibqa' tahdem sakemm tezawrixxi l-obbligi taghha fir-rigward tal-"*maternity leave*".

Minn naha taghha l-kumpanija sostniet li l-impjieg tas-sinjorina Maryanne Gauci ntemm wara li nghatat zewg twissijiet bil-miktub, rispettivament fit-23 ta' Jannar 1997 u fil-15 ta' Frar 1997. L-ewwel kien jirrigwarda l-fatt li hadet "*leave*" minghajr ma kienet debitament awtorizzata mill-House Manager u mill-Managing Director u kontra l-ordnijiet taghhom. It-tieni twissija kienet dwar li hi thallat il-hajja privata u l-

"*business interests*" taghha ma' xogholha fil-lukanda. Fl-istess twissija ssemma' wkoll li l-kumpanija kienet mgharrfa li l-appellanti qeghda thajjar klijenti tal-lukanda biex jalloggjaw fil-"*guest house*" taghha. B'dan l-agir marret kontra kull sens ta' fiducja moghtija lilha mill-kumpanija. Dawn kienu ragunijiet tajba u sufficjenti ghat-tkeccija ta' l-appellanti.

**<u>TRATTAZZJONI</u>**

Fix-xhieda taghha l-appellanti spjegat x'gara f'Jannar 1997 meta marret bil-"*leave".* Dak iz-zmien, meta kienu jahdmu "*day-in*" u "*day-out*", fil-hotel ma kienx hemm nies u hi talbet jumejn leave (li b'kollox kienu jfissru assenza ta' erbat ijiem). Meta rat li l-House Manager ma riditx taghtihomlha l-appellanti rrangat mal-kollega taghha Janice Cassar tahdimhomlha hi. Meta cemplet is-Sibt filghodu lis-sinjorina Cassar din qaltilha li ma tistax tahdimhomlha.

Wara kellmet lis-sur Winston Carbone, direttur u "*part-owner*" li skond hi tkellem ma' Janice Cassar u ta l-O.K. biex titlaq. Ghalhekk hi siefret. Meta giet lura u nghatat it-twissija hi ffirmatha.

Qalet ukoll li f'nofs Frar 1997, meta tawha t-tieni twissija l-*management* ga kien jaf li hi kienet "in cinta" - Spjegat li meta dak iz-zmien kellmet lis-sur Micallef hu qalilha li hi kienet qed tohdilhom il-klijenti fil-'*guest house*' taghha. Stqarret li fis-sajf tan-1996 kienet ghamlet pjacir lill-lukanda billi allogjat klijent tal-lukanda ghandha meta l-lukanda kienet "*overbooked".*

Xehdet li ghal-*flat* fejn toqghod ghandha licenzja biex tipprovdi akkomodazzjoni lill-'*guests*' u li l-bicca l-kbira ta' dawn ikunu studenti. Ziedet tghid li xi kultant takkomoda

xi hbieb taghha jew tal-*partner* taghha, biss qatt ma hadet nies mill-lukanda hlief dik id-darba li kienet mitluba.

Ipproduciet ittra bid-data 25 ta' Frar 1997 indirizzata lil Maryanne Gauci, Janice Cassar u Polly Ciantar, iffirmata mis-sinjorina Charmaine Mizzi ghan-nom tad-diretturi tal-kumpanija li taqra':

> "This is to inform you that the White House Hotel is no longer to be run by J.C.W. Co Ltd., therefore we regret to inform you that your employment is being terminated - notice will be calculated according to Labour Office regulations.
>
> "We wish to thank you for your co-operation whilst working with the company."

Mill-kontro-ezami rrizulta li hi kienet taf li s-superjura mmedjata taghha kienet is-sinjorina Mizzi u li decizjonijiet dwar impjegati u andament ta' xoghol kienu finalment jittiehdu mill-Managing Director, is-sur Joseph Micallef. Irrizulta wkoll li dwar il-'pregnancy' taghha hi kienet qalet lill-impjegati l-ohra u lill-House Manager imma mhux lis-sur Micallef.

Fix-xhieda tieghu s-sur Micallef spjega l-involviment li kellu s-sur Winston Carbone fil-J.C.W. Co Ltd. Qal li l-management kien fdat kollu kemm hu lilu bhala Managing Director u li s-sur Carbone ma kellux poteri ezekuttivi. Stqarr li t-tmexxija ordinarja ta' kuljum kienet f'idejn is-sinjorina Mizzi, House Manager.

Is-sur Micallef stqarr li fi Frar 1997 kien hemm il-hsieb li l-kumpanija tigi likwidata u nfurma lil kulhadd b'din il-possibbilta'. Ghamel enfazi dwar kemm-il darba kienu kellmu lill-appellanti dwar il-prezenza frekwenti tal-*partner* taghha

hdejn ir-*reception*. Xehed li hu l-ewwel darba li sar jaf li l-appellanti kienet *"pregnant"* kien meta kellimha biex jitterminalha l-impjieg fl-ahhar ta' Marzu. Mill-kontro-ezami rrizulta li ma kienx jaf jekk il-persuni li kienu jmorru jallogjaw fil-*guest house* ta' l-appellanti kienux persuni li qabel kienu joqghodu fil-White House.

Fix-xhieda tieghu s-sur Charles Borg Barthet ghamel dikjarazzjonijiet dwar x'sar jaf minghand persuni ohra. Ma tkellimx dwar hwejjeg li jaf hu direttament ghax kien prezenti meta graw. Stqarr li la l-appellanti u lanqas il-*partner* taghha (lil ta' l-ahhar kien jafu minhabba xi "*business*") qatt ma kellmuh dwar fejn ghandu jallogja l-vizitaturi li jkollu.

Is-sinjorina Mizzi bazikament ikkonfermat ix-xhieda tas-sur Micallef. Tat dettalji ta' kif kienet tagixxi l-appellanti fuq ix-xoghol u stqarret li l-appellanti kienet titlef il-hin tipprova tbiegh xi artikoli li kienu jimportaw is-sinjorina Gauci u l-*partner* taghha. Hafna drabi kien ikun hdejn ir-*reception u* l-appellanti kienet tintroducih ma' xi *guests* tal-lukanda bi skop ta' *business*. Kemm-il darba wissiet lill-appellanti bil-fomm dwar dan l-agir.

**<u>Konsiderazzjonijiet u Decizjoni</u>**

It-tezi fis-sottomissjoni originali ta' l-appellanti kienet li l-impjieg taghha gie terminat minhabba "*redundancy*". Li f'dan il-kaz, stante li ma kinetx l-ahhar wahda li giet impjegata mal-White House Hotel bhala *Receptionist*, ma kellhiex tkun hi li kellha tispicca. Gie wkoll espress suspett li t-tkeccija setghet sehhet minhabba l-fatt li l-appellanti kienet *"pregnant"* u b'hekk il-kumpanija helset mill-oneru tal-*"maternity leave".*

It-Tribunal jistqarr li hemm nuqqas ta' kjarezza dwar ir-raguni vera ghat-temm ta' impjieg. Il-formola ta'

“Dikjarazzjoni ta’ Bidu/Tmiem ta’ Impjieg” tal-Korporazzjoni ta’ Xoghol u Tahrig iffirmata ghan-nom tal-kumpanija fit-2 ta’ April 1997 ma turix ir-raguni ghat-temm ta’ impjieg. M’hemmx spazju ghal dan fil-formola. Dan hu nuqqas ghax min ihaddem b’hekk mhux obbligat jispecifika raguni ghat-temm ta’ impjieg. It-Tribunal jiehu din l-opportunita’ sabiex jigbed l-attenzjoni tal-Ministru ghal Harsien Socjali ghal dan in-nuqqas li jista’ jkun ta’ xkiel f’kwistjonijiet ta’ din ix-xorta.

Tibqa l-ittra tal-25 ta’ Frar 1997 imsemmija aktar ‘il fuq. Ghalkemm kien hemm ammissjoni minn naha tas-sur Micallef li beda jipprepara il-haddiema ghall-possibilta’ ta’ likwidazzjoni tal-kumpanija, fil-fatt din ma sehhitx u l-kumpanija ghada topera sal-lum. It-tifsira ta’ l-ittra u l-valur li ghandu jinghatalha ma gewx miflija waqt it-trattazzjoni. Meta wiehed izomm quddiem ghajnejh il-fatt li ghadda ‘l fuq minn xahar mid-data ta’ l-ittra ghal dik tat-tkeccija t-Tribunal ma jistax ma jasalx ghall-konkluzzjoni li l-impjieg ma ntemmx minhabba ‘*redundancy’*

Is-suspett li t-temm ta’ impjieg sar ghaliex l-appellanti kienet *“pregnant”* jibqa’ suspett fl-assenza ta’ provi konkreti. Li hu zgur hu li l-Managing Director sar jaf li l-appellanti kienet *“pregnant”* biss meta kellimha biex jitterminalha l-impjieg. Il-fatt li kienu jafu l-impjegati ma jfissirx li kien jak ukoll is-sur Micallef u wisq inqas li t-tkeccija saret minhabba l-”*pregnancy”* ta’ l-appellanti.

Ghalhekk it-Tribunal jaccetta li t-tkeccija saret ghar-raguni dixxiplinari. Wara li stabilixxa dan it-Tribunal ried jizen jekk it-tkeccija saritx ghar-raguni valida.

M’hemmx dubbju li l-appellant agixxiet b’mod hazin meta qabdet u marret bil-leave minghajr l-awtorizazzjoni dovuta. Ghalkemm il-lukanda m’ghandhiex hafna mpjegati u xi struttura kbira

manigerjali hi haga cara li mpjegat ghandu jagixxi taht id-direzzjoni ta' min hu fuqu u mhux jirrikorri ghand direttur li m'ghandux funzjoni ezekuttiva. F'dak il-kaz il-*management* illimita ruhu ghal twissija.

Fit-twissija tal-15 ta' Frar 1997 hemm riferenza ghal twissijiet precedenti bil-fomm. Jidher li qatt ma saru *"charges"* dwar nuqqasijiet specifici u lanqas ma l-appellanti giet moghtija opportunita' tiggustifika jew tispjega ruhha. Ma ngibux provi li juru li l-appellanti kienet tikkompeti mal-lukanda bil-guest house li kienet tmexxi zgura li kien hemm konflitt apparenti bejn l-obbligi taghha lejn il-kumpanija u x-xoghol li kienet taghmel barra mill-lukanda. Biss qatt ma nghatat twissija li jew tieqaf minn dak li kienet taghmel b'kompetizzjoni almenu apparenti mal-lukanda jew tispicca mill-impjieg.

Fl-assenza ta' passi formali u konsistenti, apparti z-zewg twissijiet imsemmija, ma tantx jista' jinghata piz ghall-allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet serji u ripetuti. Iz-zewg twissijiet wahidhom m'humiex bizzejjed biex jigustifikaw tkeccija. Li ma giex spjegat ukoll hu x'gara wara l-15 ta' Frar 1997 li wassal ghat-tkeccija fil-31 ta' Marzu 1997. Ma ngiebet ebda prova ta' xi nuqqas iehor bejn il-15 ta' Frar u l-31 ta' Marzu.

Fid-dawl ta' dak li ntqal it-Tribunal hu tal-fehma li t-tkeccija tas-sinjorina Maryanne Gauci ma kinitx ghal raguni valida u jordna li tinghata s-somma ta' Lm500 (hames mitt lira Maltin) bhala kumpens ghat-tkeccija u li din is-somma tithallas lill-appellanti mhux aktar tard mit-28 ta' Novembru, 1997.

**<u>Drittijiet</u>**

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira Maltin) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

----------------------
**Albert J. Tabone**
**CHAIRMAN**

-------------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg